MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' April, 2012

Numru. 182/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Sylvana Briffa**

**vs**

**Joseph Degabriele**
**Grace Degabriele**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Joseph Degabriele ta’ 67 sena, bin il-mejtin Peter u Concetta nee’ Scerri, imwieled Santa Venera nhar il-5 ta’ Lulju 1945, residenti gewwa 19, Irene Triq ic-Culqana Zabbar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 554745(M) u l-imputata Grace Degabriele ta’ 67 sena, bint il-mejtin Antonio u Theresa nee’ Palma, imwielda Zabbar nhar it-28 ta’ Ottubru 1944 u residenti gewwa 19, Irene Triq ic-Culqana Zabbar, u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 952244(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Nhar is-6 ta’ Dicembru 2011, u matul il-jiem ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

a) Gieghlu annimali u cioe klieb isofru ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn, meta ma provdewx post dicenti fejn dawn jistriehu, ikel u dak it-trattament mediku f’waqtu biex tigi mharsa sahhithom, u dan bi ksur tal-artikolu 8(2) tal-Kap 439 Dwar il-Harsien ta’ l-Annimali;

b) Fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkustanzi f’dawn il-Gzejjer, zammew ghandhom jew qablu li jzommu ghandhom annimali u cioe klieb u ma kienux responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom u dan bi ksur tal-artikolu 8(3) tal-Kap 439 Dwar il-Harsien ta’ l-Annimali, u aktar talli;

c) Fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkustanzi f’dawn il-Gzejjer, zammew ghandhom sitt (6) naghgiet ta’ eta l-fuq minn sitt (6) xhur u ma rregistrawhomx skond l-obbligu kif titlob il-ligi, u dan bi ksur ta’ Part v, 35 c (iii) tal-Kap 437 Dwar is-Servizzi Veterinarji;

d) Fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkustanzi f’dawn il-Gzejjer, zammew ghandhom 11-il kelb ta’ eta l-fuq minn sitt(6) xhur u ma hallsux il-licenzja taghhom skond il-ligi, u dan bi ksur tal-artikolu 3(1) tal-Kap 312 Dwar il-Klieb

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjes li kellhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tordna is-sekwestru tal-klieb fil-pussess ta’ Joseph Degabriele u Grace Degabriele favur l-Animal Welfare Unit biex jiehdu hsiebhom u jaddottawhom.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 21 ta' Frar 2012 (esebit a fol. 9 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputati waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tad-19 ta' April 2012 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar id-19 ta' April 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq sabiex jekk iridu jergaw lura minnha u kien biss wara li staqsiethom it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputati, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputati obbligaw ruhhom illi l-klieb li ghad fadal jitpoggew fuq waiting list sabiex jittiehdu go sanctuary addattat u kkunsidrat il-fatt ukoll li fil-frattemp jobbligaw ruhhom li jzommu l-klieb fi stat konformi mal-ligi ghas-sodisfazzjon tal-Animal Welfare Department u ghalhekk jidrilha li piena pekunjarja tkun l-aktar piena idoneja fic-cirkustanzi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 8(2)(3) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 35(c)(ii) tal-Kap. 437 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 312 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti issib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghhom kif

minnhom ammessi u tikkundannahom hames mitt ewro (€500) kull wiehed li b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tista tithallas f'pagamenti rateali u mensili ta' tlieta u tmenin ewro u erbgha u tletin ewro centezmi (€83.34) b'dan illi jekk l-imputati jonqsu milli jeffetwaw pagament wiehed il-bilanc dovut jigi konvertit f'gurnata prigunerija ghal kull hamsa u tletin ewro centezmi (€35) dovuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------